MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Avviz Numru. 328/2010

Go p.l.c.
vs
Cleofa Pisani

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà GO p.l.c. fl-14 ta’ Settembru 2010, permezz ta’ liema wara li ippremettiet illi (a) is-socjetà rikorrenti bidlet isimha ghal GO p.l.c. u dan fl-istess waqt illi zammet il-personalità guridika ezistenti stante li n-numru tar-Registrazzjoni taghha mar-Registratur tas-Socjetajiet baqa’ l-istess, cioè C22334, (b) li l-kawza fl-ismijiet fuq premessi Avviz Numru 2515/97 giet deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Novembru, 1999 u fl-istess kawza l-konvenuta kienet giet ikkundannata thallas lis-Socjeta Rikorrenti is-somma ta' tmien mija u sittin Liri Maltin u tmienja u disghin centezmu valuta antika (LM860.28) u ekwivalenti ghall-elfejn u tliet Ewro u wiehed u disghin centezmu (€2,003.91), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 664610. (c) illi mill-imsemmija somma l-konvenuta ghadha ma hallset xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre

mitejn, tlieta u tmenin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€283.97) spejjez u drittijiet professjonali skond taxxa mahruga fid-9 ta' Novembru 1999, kif ukoll elf, seba' mija, erbgha w ghoxrin Ewro u disghin centezmu (€1,724.90), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-1 ta' Novembru, 1999 sat-13 ta' Awwissu, 2010, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' erbat elef, tnax-il Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€4,012.78), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv. (d) illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-Socjeta' esponenti ghandha nteress illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Rat id-Digriet taghha tas-16 ta' Settembru 2010 li bih appuntat ir-Rikors tas-socjetà rikorrenti ghas-smigh ghal nhar il-Gimgha 8 t' Ottubru 2010 fid-9:30 a.m., u li l-istess Rikors u Digriet jigu notifikati lill-intimata, bi zmien ghaxart (10) ijiem ghar-risposta.

Rat illi mill-atti jirrizulta li l-intimata giet debitament notifikata bir-Rikors u Digriet imsemmija izda naqset milli tirrispondi ghall-istess Rikors entro t-terminu lilha prefiss u naqset milli tidher ghas-seduti li nzammu quddiem din il-Qorti.

Rat il-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Rat l-atti tal-kawza u semghat lil Dr.Ingrid Zammit Young li kkonfermat il-kontenut tar-rikors izda rrilevat li l-ammont skond is-sentenza tal-1 ta' Novembru 1999 huwa ta' tmien mija u sittin Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu valuta antika (LM860.28) ekwivalenti ghall-elfejn u tliet Ewro u wiehed u disghin centezmu (€2,003.91), u li l-ammont ghadu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, il-Qorti tilqa' t-talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma komplessiva ta' erbat elef, tnax-il Ewro u tmienja u sebghin centezmu

(€4,012.78), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------